MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 37/2017

It-Tnejn 9 t'Ottubru 2017

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

37.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

37.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji.

37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

37.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 35/07/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

37.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

37.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

37.3.1 Is-Sindku wera d-diżapprovazzjoni għall-aġir irresponsabbli tal-Viċi-Sindku b’mod speċjali fuq il-*facebook*. Huwa esprima sentimenti ta’ kuraġġ lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv u flimkien mal-kumplament tal-membri rringrazzjawha tax-xogħol li għamlet u li qiegħda twettaq b’mod effiċjenti. Il-Kunsill unanimament ikkundanna dan l-atteġġjament. Chev C. Saliba malli ra x’kiteb il-Viċi Sindku dritt ħass li minflok jagħmel *like* għamel kumment u elabora għall-fatt li kemm ilha Deputat inħarġu tletin *tender*, li numru minnhom kienu tħallew b’lura. Huwa żied jgħid li rridu nammettu l-*pressure* tax-xogħol li għandha sfortunatament mhux qed jiġi apprezzat u rikonoxxut minn kulħadd. Meta spjega fuq il-*facebook* il-Viċi Sindku mblokka dak il-messaġġ. Huwa rikonoxxenti ħafna għax-xogħol li qed tagħmel id-Deputat u appella għall-prudenza. Chev C. Saliba qal illi jispera u jawgura li l-assenza tal-Viċi-Sindku mhix intenzjonata. Hawnhekk għadda biex poġġa fuq il-mejda tal-kamra kopji pprintjati li l-Viċi Sindku poġġa fuq *facebook* li kopja tagħhom ser ikunu fir-*records* tal-Kunsill. Chev Saliba ddikjara li jiddisassoċja ruħu mill-kontenut ta’ dak li kiteb il-Viċi-Sindku. Hawn il-kumplament tal-membri wrew

li huma tal-istess fehma.

37.3.2

Is-Sindku qal illi l-ħinijiet tal-ħaddiema tal-Kunsill ser ikunu kif ġej:

- Xitwa - 7.00a.m. - 4.00p.m.
- Sajf - 6.00a.m. - 12.00p.m.

Huwa żied jgħid illi kien hemm rapporti li s-Sindku qed jirraporta lill-ħaddiema. Is-Sindku qal li dan mhux minnu.

37.3.3

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi huwa flimkien ma' Chev C. Saliba attendew għall-laqgħa plenarja li saret fit-30 ta' Settembru 2017. Attenda wkoll flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-membru S. Grech għal seminar bis-suġġett *'Ministerial Conference on the Potential Improvement Required in Waste Management in Gozo'* fil-Ministeru għal Għawdex.

37.3.4

Is-Sindku qal illi ser issir laqgħa Brussels għas-Sindki u huwa jħoss id-dover li għandu jmur. Il-Kunsill qabel u Chev C. Saliba żied jgħid illi hija resposabilita tas-Sindku li jmur jirrappreżenta lill-lokalita tagħna.

37.3.5

Is-Sindku qal illi ċempillu s-Surġent Grima fejn infurmah li qed jaqa l-ġebel mis-sies T'Abram. Is-Sindku kien mar ma impjegat mill-Ministeru għal Għawdex fejn kien sar qbil illi ser issir xibka biex tipproteġi li ma jaqax ġebel. Chev C. Saliba qal illi l-post huwa ta' periklu u l-Pulizija għandha tieħu l-prekawzjonijiet ta' sigurta.

37.4

Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

37.4.1

Chev C. Saliba nforma lill-Kunsill illi bejn is-6 u t-12 ta' Settembru delegazzjoni mill-Kunsill irrappreżentat lir-Reġjun t'Għawdex ġewwa Cervia għall-festival 'Sapore di Sale'. Kien hemm l-opportunita li l-Kunsill kollu kien mistieden, pero kien hemm min kellu ntenzjonijiet oħra li ma jkunx parti mid-delegazzjoni. Il-membru C. Cassar qal illi din mhix atitudni li rrid inkisser lil ħaddieħor biex jidher sabiħ hu. Kien hemm ukoll miżinterpretazzjoni bi prodotti minn Għawdex li l-melħ jippriserva. Il-prodotti ġew provduti mir-Reġjun t'Għawdex u l-Kunsill ma kellux x'jaqsam f'din l-għażla.

37.4.2

Chev C. Saliba ħeġġeġ lill-membri sabiex jipparteċipaw bejn il-25 u t-28 t'Ottubru 2017 meta ser ikunu fostna l-ħbieb tagħna minn Lanuvio. Il-Kunsill qabel illi jorganizza *cocktail reception* fis-27 t'Ottubru fil-Hotel Calypso għar-

residenti u l-grupp taljan wara t-taħdita li ser issir minn Profs. Horatio Vella.

37.5 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

37.5.1 Stedina mill-Onor. Silvio Parnis biex jintbagħtu s-suġġerimenti dwar ir-riforma fil-Kunsilli Lokali.

37.5.2 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza lill-Kunsill illi l-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ġiet nulla.

37.5.3 Ċirkulari Nru. 20/2017 – Reġistrazzjoni skont l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap 406).

37.5.4 Ċirkulari Nru. 25/2017 – Seminar dwar il-preżentazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji għall-2017 (Direttiva Numru 1/2017). Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ser tattendi għal dan is-Seminar.

37.5.5 Ċirkulari AKL 68/2017 - *Commonwealth Local Government Conferences (CLGC).*

37.5.6 Ċirkulari AKL 73/2017 - Pubblikazzjoni tal-*Magazine* mill-AKL.

37.5.7 Ir-Reġjun t'Għawdex informa lill-Kunsill illi l-Kunsill Lokali ta' Iż-Żebbuġ ser jieħu s-somma ta' €9,615.38 għall-għoti mill-ġdid ta' tarmak fi Triq Għaq Qawqla.

37.5.8 Green MT Ltd. bagħtet korrispondenza bis-suġġett 'Tetra għall-Istrina'. Green MT Ltd. se tagħti €60 lil Malta Community Chest Fund għal kull tunnellata ta' ġbir tal-kartun tal-ħalib u dawk tal-*juices*. Il-Kunsill qabel illi jipparteċipa u ser jintbagħat avviż lir-residenti.

37.5.9 Moviment Kerygma bagħat korrispondenza bis-suġġett 'Premju Żagħżugħ tas-Sena 2017'. Is-Sindku nnomina lis-Sinjorina Felicienne Cini. Il-Kunsill qabel unanimament.

37.5.10 Il-Kap tal-Iskola S Casarini għamlet suġġeriment lill-Kunsill sabiex l-iskola tiżviluppa parti mill-ġnien bħala *reading area*. Biex dan iseħħ għandha bżonn madwar sitt bankijiet tal-injam kif ukoll tapit sintetiku aħdar għall-art. Dawn il-bankijiet isibu posthom taħt parti mill-ġnien fejn hemm siġar kbar taż-Żebbuġ

37.5.11 li jipprovdu adekwat għal dan l-iskop. Din il-proposta ser tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

37.5.12 Il-Kunsill qabel illi jerġa jorganizza l-korsijiet tal-*aerobics* bħal ma kien isir qabel u bl-istess proċedura.

Ilment 56/2017 – J. Camilleri

37.5.13 Issuġġerixxa li meta jkun hemm ħarġa bħal ġita għall-festa f'Malta għandha ssir il-Ħadd u mhux is-Sibt tal-festa. Il-Kunsill ħa nota ta' dan is-suġġeriment.

Ilment 57/2017 – P. Muscat

37.5.14 Issuġġerixxa biex issir *sleeping policeman* fi Triq il-Kanun quddiem il-proprjeta Sugar Ranch. Il-Kunsill qabel illi ssir *slow sign* minflok.

Ilment 58/2017 – G. Zammit

37.5.15 Talbet sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq tal-Konti man-naħa tal-proprjeta' tagħha minħabba raġuni ta' sigurta. Il-Kunsill qabel illi l-Perit tal-Kunsill jagħmel *site visit*.

Ilment 59/2017 – *Contracts Manager*

37.5.16 Titwaħħal lampa ġdida fuq arblu eżistenti limiti Ta' Ċenċ li tinsab nieqsa. Il-Kunsill qabel illi tinxtara lampa ġdida.

Ilment 60/2017 – Ġ. Vella

37.5.17 Talbet biex issir *disabled parking* ħdejn il-proprjeta tagħha li tinsab 36, Triq l-Oniċi. Il-Kunsill qabel.

Ilment 61/2017 – J. Adams

37.5.18 Issuġġeriet biex isiru *hooks* ġo Triq l-Oniċi mehmuża m'arbli tad-dawl u postijiet pubbliċi. Il-Kunsill ma qabilx peress li dawn il-*hooks* huma llegali.

37.5.19 Is-Sur A. Borg bagħat ilment dwar ħmieġ ta' kelb fi Triq Dun Franġisk Stivala. Is-Sindku qal illi saret laqgħa mal-LESA u kellhom jieħdu azzjoni huma. Il-Kunsill qabel illi tintbagħat lill-Pulizija sabiex jieħdu azzjoni huma.

Is-Sindku ressaq dawn l-ilmenti/suġġerimenti:

- Isiru bankini ġodda ta' J. Zammit u J. Saliba fi Triq Skapuċċina;
- Bil-ħaddiema tal-Kunsill jiġu rranġati il-ħitan tas-sejjieħ fi Triq is-Sagħtrija;

- Tintbagħat *reminder* lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jitranġa l-ħajt
37.5.20 tat-triq ta' ħdejn iċ-Cimiterju;
- Ħarġa bit-trejn għar-residenti lejn l-aħħar ta' Novembru.

Il-Kunsill qabel.

Chev. C. Saliba ressaq dawn is-suġġerimenti:

- Tiġi organizzata *weekend cultural break* bejn is-7 u l-10 ta' Diċembru;
- 37.5.21 Jittieħed impenn biex il-*war shelters* jinfetħu għall-pubbliku;
- Jibdew il-preparamenti għall-mafkar sabiex l-eroj tagħna jkunu mfakkra.

Il-Kunsill qabel.

Il-Membru S. Grech ressqet dawn l-ilmenti:

- 37.5.22 Issir bankina ġdida fi Triq il-Mitħna ħdejn il-ħanut tal-barbier;
- Issir Triq ta' Ċaqra peress li tinsab fi stat diżastruż.

Il-Kunsill qabel.

Il-Viċi Sindku ressaq dawn l-ilmenti:

- biex jitnaddaf il-*culvert* li hemm fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri;
- 37.5.23 il-*hanger* tal-boroż taż-żibel li hemm fi Triq tal-Kanun tinqala peress li r-residenti qed jitolbu biex titneħħa.

Il-Kunsill qabel illi dan l-ilment għandu jitressaq meta jkun preżenti l-Viċi-
37.5.24 Sindku.

Il-Kunsill qabel illi s-Sinjorina Luigia Cefai tagħti l-labar tal-influwenza bħal ma sar fis-snin preċedenti.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill biex jieħu deċiżjoni rigward il-
37.6 ġranet tal-ġbir tal-*bulky*. Il-Kunsill qabel illi jibqgħu l-istess ġranet u qabel ukoll illi jitneħħew l-i*skips*. Chev C. Saliba qal illi Malta m'hemm l-ebda *skip* u huwa
37.6.1 inutli li niġġustifikaw illegalita.

Il-proċess tal-ħatra ta' *Assistant Principal Full-Time back-to-back* (Skala 11) ;

Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel illi l-Bord għal din il-ħatra jerġa jkun bħal dak tal-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv, jiġifieri għandu jkun kompost minn dawn il-membri:

37.7
- William Sultana - Chairperson;

- Membri – Rita Mifsud Attard, Lucienne Haber, Noel Formosa u s-Sindku;

37.7.1
- Segretarju tal-Bord – id-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti;

Manifattura u stallazzjoni ta' *composite railing* fi Triq l-Oniċi u Sqaq Anton Mallia;
Offerta Nru. 15/2017
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-offerti miftuħa nhar it-Tnejn, 2 t'Ottubru 2017 f'nofsinhar fil-preżenza ta' C. Cassar u W. Sultana. Dawn kienu:

- Dimech Enterprises Ltd. - €13,561.80 (Vat eskluż);
- Little Rock Quarry Ltd. - €18,405.30 (Vat eskluż).

37.7.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa' qabel il-laqgħa tal-Kunsill dwar din l-offerta. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Dimech Enterprises Ltd. peress li kienet l-isħas offerta u l-Kunsill qabel unanimament.

Tindif u żamma tal-*playing field* taż-Żebbuġ, il-*promenade* tal-Qbajjar u Ġnien Serħan is-Sagħtrija;
Offerta Nru. 14/2017
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-offerti miftuħa nhar it-Tnejn, 2 t' Ottubru 2017 f'nofsinhar fil-preżenza ta' C. Cassar u W. Sultana. Dawn kienu:

- Environmental Landscapes Consortium Ltd - €13,600.00 (Vat eskluż);
- Little Rock Quarry Ltd. - €81,127.20 (Vat eskluż);
- Anthony Borg - €3,791.47 (Vat eskluż);
- Xerri's Landscaping Co. Ltd. - €18,327.28 (Vat eskluż).

37.8

37.8.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa' qabel il-laqgħa tal-Kunsill dwar din l-offerta. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Anthony Borg peress li kienet l-irħas offerta u li kienet tissodisfa l-kriterji mitluba.

37.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-iskeda tal-pagamenti;

37.9.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 27/2017 – DOK A għall-perijodu bejn l-1 ta' Settembru 2017 u s-27 t'Ottubru 2017 li tammonta għal €27,828.01 kienet approvata u ffirmata.

Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.
Is-Sindku spiċċa b'talba għal dawk li qed jagħmlu ħsara lill-Kunsill.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 24 ta' Novembru 2017 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 24 ta' Novembru 2017.

| | |
|---|---|
| Iffirmata | Iffirmata |
| Nicky Saliba | Josianne Cassar |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |